ĠUŻÈ ELLUL MERCER
GEM16+
EDUCATION PROGRAMME

Aqra sewwa din is-silta min-novella ***Il-Koranta*** ta' ***Oliver Friġġieri*** u wieġeb il-mistoqsijiet.

| |
|---|
| Il-Koranta kien jagħtiha li tibki, tisħet xortiha u titmasħan magħha nnifisha li ma kinitx xi mara isbaħ, aħjar, inqas ħoxna, imdawra b'familja ferrieħa. Ix-xorti riedet xort'oħra, u għall-magħmul m'hemmx kunsill. L-ommijiet, malli t-triq kienet timtela bil-ħamba, kienu jixirfu fuq ħoġor it-twieqi u jżebbġu biex jilmħu lil uliedhom. Kienu jitbissmu huma wkoll, u jitkellmu b'leħen li jinstema' bejniethom minn naħa għal oħra, bħallikieku jridu jifirħu lilhom infushom li kellhom tfal li jafu jimlew it-triq, jagħtuha l-ħajja, joffru divertiment irħis u ta' gost lill-ġirien. Ħadd qatt ma sikkithom, lanqas is-surġent tal-pulizija huwa u għaddej, u l-Koranta, b'pass imgħaġġel u b'għajnejha mitlufin qisha ma tafx fejn sejra jew fejn hi, kienet tfittex li titbiegħed lejn triqitha jew tissakkar ħin bla waqt f'darha. |

**Importanti**: Wieġeb b'rabta mas-silta li għadek kif qrajt.

1. X'kien jisimha l-protagonista ta' din in-novella?

   ____________________________________________ (2 marki)

2. F'din in-novella l-awtur iqajjem kuxjenza dwar it-tbatija interna kbira li jgħaddi minnha kull min ikun... (Immarka l-kaxxa bit-tweġiba t-tajba.)

   a) marid serjament. ☐ b) ibbuljat. ☐ ċ) fqir ħafna. ☐ (2 marki)

3. Għalxiex qed jirreferi l-awtur meta jgħid, "divertiment irħis u ta' gost lill-ġirien"?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________(3 marki)

*Sors: Programm Edukattiv ĠEM16+*

4. X'taħseb dwar l-imġiba tas-surġent tal-pulizija?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________(4 marki)

5. Kif tħares lejha nnfisha l-Koranta?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________(4 marki)

6. F'madwar 20 kelma, fisser għaliex taħseb li n-nies jittrattawha b'dan il-mod?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_______________________________________________________________(5 marki)